MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Numru 679/1999

Il-Pulizija
(Spettur Martin E Bayliss)
vs
Crucifisso Demicoli

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra ‘l fuq imsemmi imputat Crucifisso Demicoli, iben Joseph u Salvina mitwielda Fenech, imwielda il-Pieta fid-9 ta’ Gunju, 1955 u detentur tal-karta tal-identita Nru. 457555M, li permezz taghhom gie akkuzat talli nhar it-12 ta’ Ottubru, 1998, xi hin bejn id-9.00p.m. u l-10.00p.m. gewwa Misrah Lewza, San Gwann, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi pemezz ta’ crook lock, ta’ diversi daqqiet fuq vettura ta’ ghamla Dodge, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni EBB-423, proprjeta ta’ John Baldacchino minn Birkirkara, u liema hsara giet smata aktar minn LM100 (mitt liri

Maltin), izda anqas minn LM500 (hames mitt Liri Maltin), u dan kollu ghad-dannu ta’ l-istess John Baldacchino u dan kollu bi ksur ta’ l-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, bil-lejl kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’xi mod iehor, ikun li jkun, u dan kollu bi ksur ta’ l-Artikolu 338(M) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ikkommetta l-imsemmija reati / kontravenzjonijiet, meta huwa kellu jissorverlja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu, huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan kollu bi ksur ta’ l-Artikolu 141, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabeix titratta mal-imputat Crucifisso Demicoli talli huwa recidiv b’sentenza moghtija minn guri nhar il-25 ta’ Jannar, 1979, fejn kien instab hati dwar serq u ikkundannat hmistax (15) il-xahar habs, u kif ukoll talli fil-21 ta’ Marzu 1979, minn Awla G tal-Qorti tal-Magisrati (Malta), kien instab hati fuq serq u ikkundannat sitt (6) xhur habs, u kif ukoll talli mill-Qorti tal-Apell Kriminali fit-3 ta’ Gunju, 1982, kien instab hati dwar hsara volontarja u ikkundannat tmintax (18) il-xahar habs, u kif ukoll talli fid-29 ta’ Ottubru, 1982, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Awla C, kien ikkundannat tmintax (18) il-xahar habs wara li kien instab hati fuq serq u aktar talli nhar is-26 ta’ Novembru, 1982, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla D kien ikkundannat sentejn u nofs habs, wara li kien instab hati fuq serq, u kif ukoll talli fil-25 ta’ Marzu, 1998, kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Awla Nru 11, fuq ingurja u theddid u ikkundannat hmistax (15) il-gurnata prigunerija sospiza b’sitt (6) xhur;

Il-Qorti hija ukoll gentilment mitluba sabiex titratta mal-imputat Crucifisso Demicoli, talli kiser il-provedimenti kollha tal-Qrati tal-Magistrati (Malta), fejn minn Awla Nru 11, nhar il-5 ta’ Frar, 1998, f’zewg sentenzi separati kien ikkundannat separatament tmintax (18) il-xahar ‘probation’, rispettivament skond l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kif ukoll talli minn Awla Nru 11

nhar l-14 ta' April, 1998, kiser il-provediment tal-Artikolu 9, tal-Kapitolu 152, fejn l-imsemmija data kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien sitt (6) xhur, wara li kien instab hati;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li tressqu;

Rat il-provi kollha li tressqu, d-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi fit-12 ta' Ottubru, 1998 l-Ispettur Martin Bayliss kien irceva rapport l-ghassa ta' San Giljan minghand certu Stephen Azzopardi fis-sens illi l-imputat fuq imsemmi kien kissirlu l-van tal-kumpannija tieghu, liema van kien jappartjeni lil John Baldacchino.

Illi kien mar fuq il-post is-Surgent 1400 Anthony Farrugia illi gabar l-informazzjoni kollha rigward dan il-kaz. L-imputat gie arrestat u irrilaxxja stqarrija lill-pulizija illi fiha ammetta illi fit-12 ta' Ottubru, 1998 martu kienet ma Stephen Azzopardi li mieghu kellha relazzjoni extrakonjugali. Dakinhar stess kienet harget mieghu u halliet it-tfal ghand ommha u hu kien irrabjat ferm, intilef u ma kienx jaf x'kien qieghed jaghmel. Hu ammetta li kien irrabjat ferm u qal illi kien dispost ihallas id-danni li ikkaguna fuq il-van ta' Stephen Azzopardi. L-imputat ammetta wkoll fl-istqarrija tieghu illi kisser il-'windscreen' tal-van misjuq minn Stephen Azzopardi bil-'crook lock' illi kellu f'idejh. Huwa iddikjara wkoll illi kien iddispjacih talli kien ghamel dan.

Illi dwar l-ammont ta' hsarat ikkagunati fil-van in kwistjoni sid il-van John Baldacchino esebixxa fotokopji ta' stimi ta' dawn il-hsarat li wahda minnhom illi tinsab a fol. 48 tal-process tammonta ghal mija u hamsa u tmenin lira u tieni

wahda tammonta ghas-somma ta’ mija u ghoxrin lira. Il-Qorti tirrileva illi dawn huma biss fotokopji ta’ stimi u tirrileva wkoll illi l-persuni li irilaxxjaw dawn l-istimi, u cioe’ Joseph Pace u Martin Baldacchino rispettivament, ma xehdux f’dawn il-proceduri. Ghaldaqstant, taqbel mad-difiza fis-sens li ma giex ippruvat illi l-ammont ta’ hsara ikkagunat mill-imputat fil-van in kwistjoni kien jaqbez il-mitt lira. Pero’ l-Qorti, u dan ai fini tal-ewwel imputazzjoni, tara illi fuq ammissjoni tal-istess imputat illi huwa kien kisser il-‘windscreen’ ta’ dan il-van, il-windscreen certament tiswa madwar mitt lira u ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-Artikolu 325 (c) tal-Kap. 9 issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni b’dana pero’ illi l-ammont tal-hsara volontarja ma jaqbez is-somma ta’ mitt lira. Il-Qorti qeghda taghmel din id-dikjarazzjoni ta’ htija minkejja l-fatt illi l-Avukat difensur ikkontenda illi f’xi partijiet tax-xhieda in-numru ta’ registrazzjoni tal-van imsemmi huwa imnizzel EEB 423 minflok EBB 423. Il-Qorti tiddikjara illi kull fejn irrikorriet EEB minflok EBB dik kienet biss zball ta’ traskrizzjoni u effettivament kemm ix-xhieda ta’ Brian Farrugia, rapprezentant tal-licensing office, kif ukoll mill-okkorrenza jirrizulta illi n-numru tar-registrazzjoni tal-van huwa kif imnizzel fl-akkuza u cioe’ EBB 423.

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-tieni imputazzjoni l-Qorti tara illi kemm mill-okkorrenza kif ukoll mix-xhieda li giet prodotta irrizulta illi l-imputat kisser ‘windscreen’ tal-van misjuq minn Stephen Azzopardi filghaxija u certament allura kien hemm il-ksur tal-paci pubblika. Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338 (m) tal-Kap. 9 tiddikjara lill-imputat hati ukoll ta’ din it-tieni imputazzjoni.

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-tielet imputazzjoni, l-Qorti tara illi din ma gietx ippruvata. Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat fuq imsemmi huwa ‘hospital auxilliary’ u ghalhekk certament ma kienx id-dmir tieghu sabiex jissorverja minhabba l-kariga tieghu illi ma isirux dawn it-tip ta’ reati u lanqas ma jirrizulta illi huwa kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsiru dawn it-tip ta’ reati. Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat fuq imsemmi mit-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda ir-raba imputazzjoni, il-Qorti tara illi l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova illi l-imputat huwa recidiv skond il-Ligi u precizament ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-Qorti tara wkoll illi l-Prosekuzzjoni irnexxiela tipprova illi l-imputat kiser il-provvedimenti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta' Frar 1998 u kiser ukoll il-provvedimenti ta' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' April, 1998. B'hekk l-imputat wera car u tond illi ma riedx jibbenefika mill-opportunitajiet illi taghtu din il-Qorti diversament preseduta sabiex jirriabilita hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. L-imputat ikkommetta ir-reati in kwistjoni **sitt xhur biss** wara illi kien gie liberat bil-kondizzjoni illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sitt xhur, u dan permezz tas-sentenza datata 14 ta' April, 1998. Inoltre l-imputat ikkommetta ir-reati odjerni matul il-perjodu ta' ordni ta' 'probation' moghtija fil-5 ta' Frar, 1998.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, u wara li l-Qorti rat l-Artikolu 325 (c), 338 (m), 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 5, 9 u 10 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi ghall-**prigunerija ta' sitt xhur**.

--------------------------------TMIEM--------------------------------